**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 196/17 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet izzewwgu nhar id-9 ta' Marzu 2007;

Illi huma m'ghandhom l-ebda tfal flmkien;

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ippubblikat min-nutar Dott. Margaret Heywood datat 4 ta' Mejju 2012, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata Dok. A ;

Illi ebda manteniment ma huwa dovut in kwantu l-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghal tali manteniment bl-approvazzjoni tal-Qorti;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament kontinwament sa minn qabel id-data tal-precitat kuntratt, u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw il-kriterji mposti mill-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iz-zwieg taghhom jigi xjolt;

Illi l-partijiet jixtiequ illi l-kondizzjonijiet u pattijiet kollha miftiehma fil-precitat kuntratt jibqghu validi u effettivi fl-intier taghhom;

Illi ghal kull buon fini r-rikorrenti Patricia Camilleri qieghda tahlef dan ir-rikors sabiex tikkonferma l-kontenut tieghu;

Talbu li din il- Qorti :

1. Tordna illi z-zwieg kuntrattat bejniethom nhar id-9 ta' Marzu 2007 jigi mahlul ai fini u effetti kollha tal-ligi;

2. Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien iffissat minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Awwissu, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-4 ta' Mejju, 2012 u de facto separati sa minn qabel id-data ta' dan il-kuntratt;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.